2026/2278

12.10.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/2278

tat-12 ta' Ottubru 2026

li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 329/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 47(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-30 ta' Awwissu 2017, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2017/1509.

(2) Fil-11 ta' Settembru 2017, fir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSCR) 2375 (2017), il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) ddeċieda li jipprojbixxi l-ftuħ, iż-żamma u l-operat tal-impriżi konġunti jew l-entitajiet kooperattivi kollha ma' entitajiet jew individwi tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (RDPK).

(3) Fit-22 ta' Diċembru 2017, fl-UNSCR 2397 (2017), il-KSNU rrikonoxxa li r-rikavat mill-kummerċ tar-RDPK fi prodotti settorjali, kif ukoll id-dħul iġġenerat mill-ħaddiema tar-RDPK barra mill-pajjiż, fost l-oħrajn, jikkontribwixxu għall-programmi tar-RDPK dwar l-armi nukleari u l-missili ballistiċi. Il-KSNU ddeċieda li jirrikjedi r-ripatrijazzjoni tal-ħaddiema kollha tar-RDPK barra mill-pajjiż, soġġett għal-liġi nazzjonali u internazzjonali applikabbli. Barra minn hekk, il-KSNU ddeċieda li jżid il-miżuri restrittivi eżistenti f'għadd ta' setturi, inkluż fir-rigward tal-provvista, il-bejgħ jew it-trasferiment lir-RDPK ta' żejt mhux maħdum u l-prodotti tal-petroleum raffinati kollha.

(4) Fid-19 ta' Diċembru 2023, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") ħareġ dikjarazzjoni f'isem l-Unjoni li tissottolinja li r-RDPK trid tikkonforma mal-obbligi tagħha skont l-UNSCRs billi tabbanduna l-armi nukleari kollha tagħha, armi oħra ta' qerda massiva, programmi ta' missili ballistiċi u programmi nukleari eżistenti, b'mod sħiħ, verifikabbli u irriversibbli u twaqqaf l-attivitajiet relatati kollha. Tenna li r-RDPK ma jista' u qatt mhu ser ikollha l-istatus ta' stat li għandu armi nukleari skont it-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari . F'dik id-dikjarazzjoni, l-Unjoni ħeġġet lir-RDPK u lir-Russja jżommu lura minn kwalunkwe skambju ta' tagħmir militari, teknoloġija tal-missili jew munizzjon u jirrispettaw l-UNSCRs suċċessivi li jipprojbixxu b'mod ċar kwalunkwe esportazzjoni jew importazzjoni tal-armi li jinvolvu r-RDPK. L-Unjoni kkundannat ukoll kwalunkwe appoġġ militari għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna pprovdut mir-RDPK, u tenniet it-tħassib serju tagħha dwar rapporti ta' trasferimenti tal-armi tar-RDPK lejn ir-Russja.

(5) Fil-31 ta' Mejju 2024, ir-Rappreżentant Għoli, flimkien mal-Ministri għall-Affarijiet Barranin tal-Awstralja, il-Kanada, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Ġappun, New Zealand, ir-Repubblika tal-Korea u,r-Renju Unit u s-Segretarju tal-Istat tal-Istati Uniti tal-Amerka, ħarġu stqarrija konġunta li tesprimi tħassib serju dwar l-approfondiment tal-kooperazzjoni bejn ir-RDPK u r-Russja bi ksur flagranti ta' diversi UNSCRs u li tikkundanna l-veto tar-Russja għal UNSCR li kien jestendi l-mandat tal-Bord ta' Esperti tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) , li jappoġġa lill-Kumitat tal-KSNU stabbilit skont l-UNSCR 1718 (2006), u b'hekk jipprova jċaħħad lill-Istati Membri kollha tan-NU mill-informazzjoni u l-gwida oġġettivi u indipendenti li jeħtieġu biex jimplimentaw l-UNSCRs vinkolanti dwar ir-RDPK.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1509 tat-30 ta' Awwissu 2017 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li tħassar ir-Regolament (KE) Nru 329/2007 (ĠU L 224, 31.8.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2017/1509/oj).

(6) Fit-30 ta' Ottubru 2024, ir-Rappreżentant Għoli ħareġ dikjarazzjoni li tafferma li l-preżenza fit-territorju Russu ta' diversi eluf ta' truppi tar-RDPK li jikkooperaw mal-militar Russu tirrappreżenta ksur flagranti tal-Karta tan-NU u ta' diversi UNSCRs.

(7) Fil-31 ta' Ottubru 2024, ir-Rappreżentant Għoli ħareġ dikjarazzjoni li tikkundanna l-illanċjar mir-RDPK ta' missila ballistika interkontinentali f'dak il-jum, u appella lill-Istati Membri kollha tan-NU, speċjalment lill-Membri tal-KSNU, biex jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa tas-sanzjonijiet tan-NU u jħeġġu lir-RDPK twaqqaf l-azzjonijiet illegali tagħha, iżżomm lura milli tkompli teskala t-tensjonijiet militari u terġa' lura għad-diplomazija.

(8) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-18 ta' Ġunju 2026, il-Kunsill Ewropew ikkundanna bil-qawwa l-iskjerament tal-forzi militari tar-RDPK fil-gwerra kontra l-Ukrajna kif ukoll l-appoġġ militari sostnut ipprovdut lir-Russja mir-RDPK, l-Iran u l-Belarussja.

(9) Il-Kunsill huwa mħasseb serjament dwar l-attivitajiet kontinwi relatati mal-armi nukleari u mal-missili ballistiċi mwettqa mir-RDPK bi ksur tal-UNSCRs rilevanti u b'nuqqas ta' rispett sfaċċat għalihom u mill-approfondiment ulterjuri tal-kooperazzjoni bejn ir-RDPK u r-Russja, inkluż l-impjieg ta' ħaddiema tar-RDPK fir-Russja, l-istabbiliment ta' impriżi konġunti kummerċjali u l-kummerċ ta' "armi għaż-żejt" bejn ir-RDPK u r-Russja. Tali kooperazzjoni bejn ir-RDPK u r-Russja toħloq theddida serja għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali u tikser is-sanzjonijiet imposti mill-KSNU.

(10) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li tliet persuni u erba' entitajiet li jassistu fl-evażjoni tas-sanzjonijiet tan-NU u li jiksru s-sanzjonijiet imposti mill-KSNU, responsabbli għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva, jew li jappoġġaw, jippromwovu jew ikunu involuti fi provvisti li jistgħu jikkontribwixxu għal dawk il-programmi jiġu inklużi fil-listi ta' persuni , entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi li jinsabu fl-Annessi XV u XVI tar-Regolament (UE) 2017/1509.

(11) Ir-Regolament (UE) 2017/1509 jenħtieġ għalhekk li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi XV u XVI tar-Regolament (UE) 2017/1509 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-12 ta' Ottubru 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

K. KALLAS

ANNESS

Ir-Regolament (UE) 2017/1509 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Anness XV, intitolat "Lista ta' persuni, entitajiet u korpi msemmijin fl-Artikolu 34(1) u 34(3)", huwa emendat kif ġej:

(a) taħt l-intestatura "(a) Persuni fiżiċi indikati f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 34(4)", tiżdied l-entrata li ġejja:

	Isem (u alternattivi possibbli)	Magħruf ukoll bħala	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
"40.	RI Song Jin 리성진	RI Song-jin; RI Seong Jin	Post tat-twelid: RDPK Ċittadinanza: RDPK Sess: raġel Funzjoni jew professjoni:Riċerkatur fin-National Aerospace Technology Administration (NATA) tar-RDPK; uffiċjal fil-Missile General Bureau tar-RDPK Entitajiet assoċjati: National Aerospace Technology Administration (NATA) tar-RDPK Missile General Bureau tar-RDPK	12.10.2026	Fil-kapaċità tiegħu bħala riċerkatur fin-National Aerospace Technology Administration (NATA) tar-RDPK, entità elenkata min-NU għall-involviment fl-iżvilupp tax-xjenza u t-teknoloġija spazjali tar-RDPK, inkluż l-illanċjar ta' satelliti u rokits trasportaturi, u bħala uffiċjal fil-Missile General Bureau tar-RDPK, Ri Song Jin akkumpanja lil Kim Jong Un f'Diċembru 2023 matul spezzjoni ta' fabbrika magħrufa li tipproduċi missili ballistiċi ta' medda qasira. Ri Song Jin ġie osservat ukoll stazzjonat fir-Russja qrib il-front mal-Ukrajna, liebes uniformi militari Russa flimkien ma' suldat Russu. Ri Song Jin ġie stazzjonat fiż-żona bħala tekniku b'appoġġ għall-użu mir-Russja ta' missili tar-RDPK fil-kuntest tal-kooperazzjoni militari li qed tikber bejn ir-RDPK u r-Russja. Bħala tali, Ri Song Jin huwa responsabbli, inkluż permezz ta' appoġġ jew promozzjoni, tal-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva u qed jaħdem fuq id-direzzjoni ta' entità dežinjata mill-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU stabbilit skont l-UNSCR 1718 (2006) bħala responsabbli, inkluż permezz ta' appoġġ jew promozzjoni, tal-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva.";

(b) taħt l-intestatura "(f) Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi indikati f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 34(4)", tiżdied l-entrata li ġejja:

	Isem	Magħruf ukoll bħala	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
"3.	Paekyangsan Shipping Co Ltd		OMI: 6029462 Entità assoċjata (bastiment): PAEK YANG SAN 1 (IMO: 9129653)	12.10.2026	Paekyangsan Shipping Co Ltd topera l-bastiment li jtajjar il-bandiera tar-RDPK Paek Yang San 1, li huwa involut fi vjeġġi ta' prodotti tal-petroleum raffinati mir-Russja lejn ir-RDPK bi ksur tal-UNSCR 2397 (2017), fil-kuntest tal-kummerċ 'armi għaż-żejt' bejn ir-RDPK u r-Russja. Għalhekk, Paekyangsan Shipping Co Ltd hija involuta fi provvisti li jistgħu jikkontribwixxu għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva.";

(2) L-Anness XVI, intitolat "Lista ta' persuni, entitajiet u korpi msemmijin fl-Artikolu 34(1) u 34(3)", huwa emendat kif ġej:

(a) taħt l-intestatura "(a) Persuni fiżiċi", jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

	Isem (u alternattivi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-deżinjazzjoni	Raġunijiet
"34.	Anna Nikolaevna AKINSHINA Áнна Николáевна АКИ́НЫШИНА	Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Samolet Group of Companies PJSC Data tat-twelid: 4.2.1985 Ċittadinanza: Russa Sess: mara Entità assoċjata: Samolet Group of Companies PJSC	12.10.2026	Fil-kapaċità tagħha bħala Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Samolet Group, kumpanija Russa ewlenija għall-iżvilupp tal-proprjetà immobbli, Anna Akinshina hija responsabbli għall-ġestjoni u l-attivitajiet tal-kumpanija, li impjegat ħaddiema mir-RDPK fil-proġetti ta' kostruzzjoni tagħha fi Vladivostok, il-Federazzjoni Russa bi ksur tas-sanzjonijiet imposti mill-KSNU li jipprojbixxu l-iskjerament ta' ċittadini tar-RDPK barra mill-pajjiż peress li d-dħul iġġenerat mill-ħaddiema tar-RDPK barra mill-pajjiż jista' jikkontribwixxi għall-programmi tal-armi nukleari u tal-missili ballistiċi tar-RDPK. Bħala tali, Anna Akinshina qed tassisti fl-evażjoni tas-sanzjonijiet tan-NU u tikser id-dispożizzjonijiet ta' UNSCR 2397 (2017).
35.	Vladimir Aleksandrovich SOKOLOV Владимир Александрович СОКОЛОВ	Fundatur u President ta' Black Horse Data tat-twelid: 29.1.1985 Post tat-twelid: Yuzhno-Sakhalinsk, reġjun ta' Sakhalin, Russian Federation Ċittadinanza: Russa Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Limited Liability Company PCC 'Black Horse' Limited Liability Company 'Golden Autumn' Agroholding	12.10.2026	Fil-kapaċità tiegħu bħala President tal-kumpanija azzjonarja Russa Black Horse, inkluż is-sussidjarja tagħha Golden Autumn Agroholding, Vladimir Sokolov ippromwova u ffaċilita proġetti ta' kooperazzjoni kummerċjali u industrijali li jinvolvu lir-RDPK. F'April 2026, Sokolov ħabbar pubblikament il-ħolqien ta' proġett konġunt ta' investiment industrijali bejn ir-RDPK u r-Russja fi Primorsky Krai, il-Federazzjoni Russa permezz ta' Black Horse u s-sussidjarja tagħha. Bħala tali, Vladimir Sokolov qed jassisti fl-evażjoni tas-sanzjonijiet tan-NU u jikser is-sanzjonijiet imposti mill-KSNU, b'mod partikolari t d-dispożizzjonijiet ta' UNSCR 2375 (2017)..";

(b) taħt l-intestatura “(b) Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi”, jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

	Isem (u alternattivi possibbli)	Post	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
“12.	‘Samolet Group of Companies’ PJSC ПАО ‘Труппа Самолет’	Indirizz: 121552, Moscow, Yartsevskaya st, 19, 6 floor, block B, Russian Federation Post ta’ reġistrazzjoni: Russian Federation BIN/OGRN: 1187746590283 INN/TIN: 9731004688 Individwu assoċjat: Anna Nikolaevna Akinshina	12.10.2026	Samolet Group hija kumpanija Russa ewlenija għall-iżvilupp tal-proprjetà immobbli li tuża ħaddiema mir-RDPK fil-proġetti ta’ kostruzzjoni tagħha fi Vladivostok, il-Federazzjoni Russa bi ksur tas-sanzjonijiet imposti mill-KSNU li jipprojbixxu l-istazzjonament ta’ ċittadini tar-RDPK barra mill-pajjiż peress li d-dħul iġġenerat mill-ħaddiema tar-RDPK barra mill-pajjiż jista’ jikkontribwixxi għall-programmi tal-armi nukleari u tal-missili ballistiċi tar-RDPK. Bħala tali, Samolet Group qed tassisti fl-evażjoni tas-sanzjonijiet tan-NU u tikser id-dispożizzjonijiet ta’ UNSCR 2397 (2017).

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/2278/oj

	Isem (u alternattivi possibbli)	Post	Data tad-dażinjazzjoni	Raġunijiet
13.	Limited Liability Company PCC 'Black Horse' Общество С Ограниченной Ответственностью ПКФ 'Бызкхоз'	Indirizz: 141804, Moscow Region, Dmitrov District, Dmitrov, Likova St., Building 10, Office 16. Russian Federation Post ta' reġistrazzjoni: Russian Federation BIN/OGRN:1165007050064 INN/TIN: 5007096798 KPP: 500701001 Individwu assoċjat: Vladimir Aleksandrovich Sokolov Entità assoċjata: LLC 'Golden Autumn' Agroholding	12.10.2026	Black Horse hija kumpanija azzjonarja Russa mmexxija minn Vladimir Aleksandrovich Sokolov. Permezz tal-attivitajiet kummerċjali tagħha u s-sussidjarja tagħha Golden Autumn Agroholding, Black Horse ppromwoviet u ffaċilitat proġetti ta' kooperazzjoni ekonomika u industrijali li jinvolvu r- RDPK. Black Horse tesporta prodotti lejn ir-RDPK u tidentifika lir-RDPK bħala suq kummerċjali ta' prijorità. Permezz tas-sussidjarja tagħha, Black Horse hija involuta fi proġett industrijali u ta' investiment konġunt mar-RDPK. Bħala tali, Black Horse qed tassisti fl-evażjoni tas-sanzjonijiet tan-NU u tikser is-sanzjonijiet imposti mill-KSNU, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet ta' UNSCR 2375 (2017).

	Isem (u alternattivi possibbli)	Post	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
14.	Limited Liability Company ‘Golden Autumn’ Agroholding Общество С Ограниченной Ответственностью Агрохолдинг ‘Золотая Осень’	Indirizz: 109316, 47 Volgogradsky Avenue, Tekstilshchiki district, Moscow, Russian Federation Post ta’ reġistrazzjoni: Russian Federation BIN/OGRN: 1237700389893 INN/TIN: 9722047759 KPP: 772201001 Individwu assoċjat: Vladimir Aleksandrovich Sokolov Entità assoċjata: LLC PCC ‘Black Horse’	12.10.2026	Golden Autumn Agroholding hija kumpanija Russa u sussidjarja tal-kumpanija azzjonarja Black Horse, li hija mmexxija minn Vladimir Aleksandrovich Sokolov. Golden Autumn Agroholding tesporta prodotti lejn r-RDPK) u hija involuta fi proġett industrijali u ta’ investiment konġunt mar-RDPK. Bħala tali, Golden Autumn Agroholding qed tassisti fl-evażjoni tas-sanzjonijiet tan-NU u tikser is-sanzjonijiet imposti mill-KSNU, b’mod partikolari d-dispożizzjonijiet ta’ UNSCR 2375 (2017).”.